# 65. Tulipan, ix-Xemx u x-Xita*

Tik, tik, tik, ħabbtet il-bieba,
“iftaħ, iftaħ, Tulipan!
ma tistħix toqgħod titgħażżen
f’dan id-dlam fi żmien bħal dan?”

Tulipan kien qed ġo dwejra
kollha dlam taħt il-ħamrija,
f’raqda twila illi ġibdet
sa minn xahar Santa Marija.

“Int min int u xi trid minni?”
Tulipan wieġeb lubien;
“Jien ix-Xita u ġejt biex nagħti
ħajja lilek u qawmien!”

“Ma rridx niftaħ, mur, ħallini
norqod ġwejjed f’dan il-kwiet!” –
u bħal ħmar ix-Xita kellha
terġa’ lura minn fejn ġiet.

Tak, tak, tak, ħabbtet il-bieba,
“iftaħ, iftaħ, Tulipan!
ma tistħix toqgħod titgħażżen
f’dan id-dlam fi żmien bħal dan?”

“Int min int u xi trid minni?”
Tulipan wieġeb lubien;
“Jien ix-Xemx u ġejt biex nagħti
ħajja lilek u qawmien!”

“Ma rridx niftaħ, mur, ħallini
norqod ġwejjed f’dan il-kwiet!” –
u bħal ħmar ix-Xmejxa kellha
terġa’ lura minn fejn ġiet.

Tik, tik, tik, u tak, tak, tak,
ħafna ħsejjes fuq il-bieb...
“Aħna x-Xemx u x-Xita ġejna
it-tnejn ħdejk bħal żewġt iħbieb!”

Tulipan wieġeb imħajjem
“Ħi, la darba ġejtu t-tnejn,
bla ma rrid ikollu niftaħ,
għax mat-tnejn ma nagħmel xejn.”

U fetħilhom u bil-ħerqa
tawh il-ħajja mal-qawmien;
waħda f'id u l-oħra fl-oħra
dlonk ħaduh għal ġewwa l-ġnien;

Ġewwa l-ġnien fejn fetaħ warda
qisha bozza ħamra nar
ta' lampier tixgħel tixxengel
qalb il-ħdura ta' Jannar.

** Il-ġrajja ta' din il-poeżija hija meħuda minn storja Ġermaniża għat-tfal.*